Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 250/2014

**Karl Antonio Gauci (appellat)**

**Vs**

**Kirsten Falzon (appellat) u b'digriet tat-28 ta' Mejju, 2014 gie msejjah fil-kawza Salvu Caruana (appellant)**

28 ta' Lulju, 2017.

1. B'sentenza tat-28 ta' Mejju, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut u l-imsejjah fil-kawza jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija u ghaxar ewro (€2,610), danni li sofra b'riferenza ghall-akkwarju li pogga fl-appartament numru 3, Delli Court, Triq il-Qighan, Mellieha.

2. L-attur kien inkariga lill-konvenut sabiex jibnilu akkwarju filwaqt li inkariga lill-imsejjah fil-kawza sabiex jaghmillu *frame* tal-hadid li fuqha kellu jitpogga l-akkwarju. Jirrizulta li l-akkwarju nkiser.

3. L-imsejjah fil-kawza appella mis-sentenza. L-aggravji huma:

    i. It-Tribunal m'ghandux kompetenza sabiex jitratta jekk ix-xoghol meritu tal-kawza huwiex skont is-sengha u l-arti jew azzjoni redibitorja.
    ii. L-azzjoni tal-attur hi preskritta bit-trapass ta' sitt xhur.
    iii. It-Tribunal messu ddikjara li l-imsejjah fil-kawza m'huwiex legittimu kontradittur.
    iv. M'huwiex minnu li x-xoghol li ghamel l-imsejjah fil-kawza m'huwiex skont is-sengha u l-arti.
    v. L-appellant m'ghandux ibati spejjez.

4. L-attur u l-konvenut wiegbu fejn irribattew l-argumenti tal-imsejjah fil-kawza u jsostnu li l-appell ghandu jigi michud.

5. **L-ewwel aggravju**.

Fil-fehma tal-qorti, ma kien hemm l-ebda ostakolu sabiex it-Tribunal jisma' u jiddeciedi l-kawza gialadarba hi l-ligi stess li f'artikolu 3(2) tipprovdi li ghandu jisma' u jaqta' **it-talbiet kollha ta' flus** ta' ammont mhux iktar minn

€3,494.06. It-talba tal-attur hi ghall-hlas ta' somma flus bhala danni li qal li sofra minhabba xoghol li ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Il-fatt li sabiex jasal ghal dik id-decizjoni t-Tribunal kellu jiddeciedi jekk il-kuntratt kienx appalt jew bejgh, ma jbiddel xejn. Din m'hijiex wahda mill-materja li jissemmew fl-artikolu 3(5) tal-Kap. 380 li jidentifika dawk il-kawzi li t-Tribunal ma jistax jiddeciedi.

6. **<u>It-tieni aggravju.</u>**

Fis-sentenza **Anthony Marcel Pace Asciaq nomine vs Joseph Camilleri** tat-28 ta' Jannar 2004, din il-qorti ghamlet id-distinzjoni bejn appalt u bejgh, u kkonkludiet li n-negozju kien appalt ghaliex f'dak il-kaz:

*"Ma jirrizultax illi dak ordnat kien jaqa' fl-ordinarja produzzjoni ta' l-attur nomine izda kien effettivament **jikkonsisti minn opra voluta skond dizinn specifiku approvat mill-konvenuti"***.

Fil-kaz tal-lum m'hemmx dubju li n-negozju ma kienx ta' bejgh izda appalt. L-attur inkariga lill-konvenut sabiex jahdimlu akkwarju ta' certu daqs skont id-daqs u dizinn li ried hu. L-istess ghamel mal-imsejjah fil-kawza ghal dak li kellu jintuza bhala bazi ghall-akkwarju.

Il-qorti lanqas ma taqbel mal-imsejjah fil-kawza li l-attur ippropona l-azzjoni redibitorja. Mill-avviz tat-talba hu evidenti li l-azzjoni tal-attur hi bazata fuq il-kuntratt ta' appalt, tant li l-attur irid lit-Tribunal, *"Jiddikjara li x-xoghol li ghamel l-intimat jigifieri dak ta' bini u tpoggija ta' akkwarju ma kienx skont is-sengha u l-arti"*. L-attur ma harrikx lill-konvenut ghax-xoljiment ta' bejgh. Fil-premessi stess l-attur iddikjara:

*"Peress illi l-akkwarju ma kienx mahdum skont l-arti u s-sengha tant li nfaqa' fi ftit hin wara li mtela' bl-ilma u ghal dan huwa unikament responsabbli l-intimat"*.

7. **<u>It-tielet aggravju.</u>**

Hu minnu li l-akkwarju sar mill-konvenut u l-imsejjah fil-kawza ma kellux x'jaqsam fil-produzzjoni tieghu. B'daqshekk ma jfissirx li m'huwiex legittimu kontradittur. Caruana ghamel il-*frame* tal-hadid li serva bhala bazi ghall-akkwarju. Meta nqasmet hgiega tal-akkwarju, kien qieghed fuq il-*frame* li hadem Caruana.

Hu minnu wkoll li l-premessi tal-avviz tat-talba jindirizzaw ix-xoghol li ghamel il-konvenut. Pero' fir-realta f'dawn it-tip ta' proceduri t-talba hi wahda, cjoe' talba ghall-kundanna ta' hlas ta' danni. Il-konvenut isostni li dak li gara kien minhabba difett fix-xoghol li ghamel Caruana. Kien proprju ghalhekk li talab li jissejjah fil-kawza. Proceduri fit-Tribunal huma min-natura taghhom informali. Wara li Caruana gie msejjah fil-kawza, it-Tribunal kellu jiddeciedi jekk kienx hemm difetti fl-opra li wettaq. Wara kollox l-imsejjah fil-kawza hu daqstant

iehor konvenut u jista' jigi kkundannat. Ghaldaqstant, jekk hemm nuqqasijiet min-naha ta' Caruana, irid iwiegeb ghalihom.

8. **Ir-raba' aggravju.**

B'dan l-aggravju l-appellant isostni li m'huwiex minnu li x-xoghol li ghamel m'huwiex skont is-sengha u l-arti. Hu jargumenta li dak li gara kien tort tal-konvenut li, *"…. hadem il-hgieg b'sengha inferjuri ghax hu ma ghandux is-sengha ta' glass fitter jew cutter izda huwa suldat fl-armata u biss dilettant li waslet ghall-ispluzjoni tal-hgieg"*. Zied ighid li:

*"4.10 Illi bil-kontra ta' dak li rritena l-ewwel Tribunal*

*(i)* *Kien zbaljat fejn f'pagna tmienja (8) ighid li: "il-kjamat in kawza mkien ma jichad fix-xhieda tieghu li l-hadid ma kienx invellat", meta l-appellanti kien xehed viva voce li dan kien il-kaz u dan anki t-Tribunal gharfu u tant hu hekk li t-Tribunal stess ighid f'pagna sebgha (7) tas-sentenza li l-intimat stqarr ukoll li l-mejda li tpoggha fuqha l-akkwarju 'kienet' invellata (fol. 51).*

*(ii)* *Illi t-Tribunal ma kkunsidrax li l-gablo taht il-hgieg ta' akkwarju isir propju sabiex jekk hemm nuqqasijiet ta' invellar dan jaghmel tajjeb ghalihom.*

*(iii)* *Illi t-Tribunal ma kkunsidrax li l-hgieg tal-akkwarju ma kienx ippolixxjat izda maqtugh dritt u minhabba f'hekk it-tendenza hija li dan il-hgieg imur minn fejn inqata' bid-djamant (fol. 66) kif fil-fatt gara.*

(iv) *Illi ma ngabet ebda prova li l-hadid b'xi mod immalforma ruhu u dan bil-kontra ta' li jghid it-Tribunal f'pagna sebgha (7) punt erbgha (4) izda gew ezebiti partita ritratti tal-hgieg mifqugh".*

Fl-ewwel lok l-argumenti li ghamel l-appellant bazati fuq l-azzjoni redibitorja huma rrilevanti ghaliex kif rajna dik mhijiex l-azzjoni li ppropona l-attur.

Ghal dak li jirrigwarda l-verzjoni ta' Caruana ta' kif inkiser l-akkwarju, m'hemm l-ebda prova teknika indipendenti li tikkonferma dak li qal.
Ghal dak li hu piz tal-akkwarju:

- L-attur xehed li l-akkwarju jizen madwar tmien mija u hamsin (850) kilo u li l-mejda tiflah piz ta' elfejn (2,000) kilo;
- Il-konvenut xehed li l-akkwarju kien jiflah tmien mitt (800) litru ilma li maghhom irid jizdied il-piz tal-hgieg.
- L-imsejjah fil-kawza qal li l-qafas tal-hadid li ghamel kien jiflah elf u erba' mitt (1,400) kilo; *"Lili r-rikorrent kien qalli l-aquarium kien ser jizen sebgha mitt (700) kilo u allura hdimtu biex jiflah elf u erbgha mitt (1400) kilo"* (Salvu Caruana fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2014).

M'hemmx qbil fil-verzjonijiet li nghataw. Madankollu li hu zgur hu li kien hemm hafna piz.

Fis-sentenza t-Tribunal qal:

***"bi ftit aktar attenzjoni, kien jinduna mal-ewwel li l-frame tal-hadid ma kienx invellat tajjeb u b'hekk ma kienx jarma l-akkwarju kif effettivament ghamel"***.

Hu ghalhekk evidenti li t-Tribunal ikkonkluda li l-*frame* tal-hadid kien mill-bidunett difettuz. Pero' dan ma rrizultax mill-provi. Anzi l-konvenut stess xehed li:

- *"Nichad illi jiena kont ghidt lir-rikorrent illi dan il-frame tal-hadid kien tajjeb.* ***Jiena kull ma kont ghidtlu kien illi l-mejda kienet invellata****"*.
- ***"Meta mort biex inbiddel il-hgiega jiena stajt nikkonstata li c-channel ta' quddiem strah"***.
- ***"B'hekk juri li kien fil-fatt strah il-hadid illi kisser il-hgiega mhux xi nuqqas min-naha tieghi"***.

Mela hu evidenti li l-verzjoni li ta l-konvenut ma kinitx li d-difett kien jezisti sa mill-bidunett. Fl-atti din il-qorti ma sabet l-ebda prova li meta l-*frame* tal-hadid gie kkonsenjat, il-wicc ma kienx invell. Anzi l-attur stess xehed:
*"Ghaddew madwar gimgha u nofs u l-mejda kienet lesta. Is-Sur Falzon kien gie biex jibda jibni akwarjum. Huwa gie l-appartament tieghi, iccekja l-mejda bl-invell u bl-apparat li kellu u qalli il-mejda tajba. Nahdmu"*.

L-imsejjah fil-kawza wkoll xehed:
*"Mistoqsi jekk jiena kontx ivverifikajt jekk il-hadid kienx qieghed invell, nghid li iva jiena kont ivverifikajt li l-hadid li kont poggejt jiena kien invell qabel ma tlaqt minn fuq il-post. Anke c-channel kont iccekjajt bl-invell"*.

Fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2015 il-konvenut xehed:
*"Jiena* ***meta gara li gara kont mort fuq il-post u uzajt l-invell****, flok uzajt l-invell minn fuq fejn qieghed ighid Caruana li ma setax jaghmel l-invell minhabba l-hgieg jiena uzajt l-invell min-naha t'isfel.* ***Fin-nofs tac-channel jiena sibt illi dik il-parti kienet qeghda aktar l-isfel mit-truf madwar zewg millimetri. Ghandi nghid illi l-hgiega li marret marret minhabba t-tghawwig fic-channel, u dan peress li l-hgiega fil-kumment ma titbewwaqx****"*.

Hadd ma merieh lill-attur. Ghalkemm Caruana xehed:
*"Ghandi nghid li meta tlajt imbaghad wara li kien sehh l-incident biex nara l-frame, jiena ma wzajtx invell biex nara jekk kienx izzaqqa il-frame jew le, pero fuq ghajnejja kien jidher"*.

Il-qorti ma tqiesx li fuq ghajnejh Caruana seta' jara c-caqlieq li rrefera ghalih il-konvenut. Min-naha tal-attur ma kkontestax dak li xehed il-konvenut. Hu veru li fil-bidu tal-proceduri l-attur kien qieghed isostni li l-mejda ma kellha xejn hazin, pero' iktar 'il quddiem fil-proceduri beda jsostni li d-danni ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom Falzon u Caruana. Iktar minn hekk, il-qorti tqies li l-konvenut seta' jitwemmen li wara l-akkadut uza invell biex jivverifika jekk kienx hemm failure f'parti tal-*frame* tal-hadid. Kif uza invell qabel pogga l-akkwarju fuq il-*frame*, hekk ukoll hu kredibbli li wara l-akkadut rega' uza invell biex jaghmel il-verifiki tieghu fuq il-*frame* li hadem Caruana.

Wiehed jista' jargumenta li moviment ta' zewg millimetri huma ftit wisq biex tixxaqqaq il-hgiega tal-akkwarju. Il-qorti tistqarr li dan hu kaz fejn preferibbilment kellu jinhatar espert tekniku fil-materja biex wara li jara l-akkwarju u l-*frame*, jaghti opinjoni dwar x'wassal biex inqasmet waħda mill-hgieg tal-akkwarju. Il-*frame* hi struttura li fuqha kien hemm piz ta' kwazi tunellata jekk mhux iktar. Ghalkemm il-qorti m'ghandhiex gharfien tekniku, pero' fuq bazi ta' probabbilta tifhem li kull caqliq fil-bazi, irrispettivament b'kemm, seta' jwassal biex tinqasam hgiega tal-akkwarju. Il-hgieg mhuwiex flessibbli. L-appellant isostni li, *"… l-gablo taht il-hgieg ta' akwarjum isir proprju sabiex jekk hemm nuqqasijiet ta' invella, dan jaghmel tajjeb ghalihom"*. Pero' mhemmx prova teknika dwar dan.

9. **<u>Hames aggravju.</u>**

Peress li dan jitratta l-kap tal-ispejjez u hu marbut mal-aggravji l-ohra, ma jistax iregi wahdu gialadarba l-aggravji kollha l-ohra huma michuda.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.